**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 9 ta' Gunju 2016**

Rikors Guramentat Nru. 70 / 13RGM

Kawza fil-lista: 10

**F G H**
**vs**
**X Y**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti, li ma humiex mizzewgin, huma l-genituri rispettivi tal-minuri S Y H, li twieled fis-17 ta' Settembru 2008.

2. Illi l-imsemmi minuri jirrisjedi ma' l-esponenti filwaqt li l-intimat ghandu access ghal ibnu kif miftiehem bejn il-kontendenti.

3. Illi l-esponenti tixtieq li l-kura u l-kustodja tal-minuri tigi fdata lilha, filwaqt li tixtieq ukoll li l-intimat jibda jhallasha retta alimentarja xierqa ghall-bzonnijiet tal-istess minuri.

4. Illi l-kontendenti ghaddew mill-procedura ta' medjazzjoni mandatorja izda ma rnexxilhomx jilhqu ftehim bil-konsegwenza li kellha tigi intavolata dina 1-kawza.

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex ma ghandiex dina l-Onorabbli Qorti in vista tal-premess:

Tafda u takkorda l-kura u l-kustodja tal-minorenni S Y H lill-esponenti;

Tiffissa retta alimentarja xierqa li ghandha tigi imhallsa lilha mill-intimat fl-interess tal-minorenni S Y H.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

Illi l-esponenti filwaqt illi jaqbel ma' l-ewwel, it-tieni u r-raba' paragrafi tar-rikors guramentat, ma jaqbilx mal-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet fil-paragrafi l-ohra.

Illi ghalhekk l-esponenti jopponi ghat-talbiet hekk kif esposti fir-rikors guramentat, u dana a bazi tas-segwenti:

1. Illi l-esponenti jopponi ghall-ewwel talba li l-kura u l-kustodja tal-minuri S Y H tigi fdata f'idejn ir-rikorrenti esklussivament; huwa bhala missier ihoss li l-kura u l-kustodja tal-iben ghandha tkun konguntiva bejn il-partijiet, bi dritt ta' access lejn l-esponenti;

2. Illi l-esponenti m'ghandux diffikulta' li jmantni lill-ibnu S, u dana skont il-mezzi u l-qliegh tieghu, liema manteniment ghandu jirrifletti c-cirkostanzi finanzjarji tal-esponenti;

3. Illi finalment, l-esponenti qed jopponi ghall-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat l-affidavit tal-attrici, ta’ ommha Anna H, ta’ huha Keith H u ta’ Lesley Tabone, is-sieheb tal-attrici Gssi ma’ nota ppresentata fit-28 ta’ Mejju 2013;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-5 ta’ Gunju 2013 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat in-nota tal-attrici tal-5 ta’ Gunju 2013 li maghha Gttiet erba’ rapporti tal-Pulizija;

Rat x-xhieda ta' Joseph Magri, impjegat mal-Forzi Armati, Sezzjoni Pagi, u ta' Joseph Saliba, ghall-Employment and Training Corpoaration li xehedu fis-seduti tas-7 ta' Ottubru 2013, u tal-10 ta' April 2014.

Rat ix-xhieda ta' Sharlon Pace li xehed fis-seduta tal-14 ta' Frar 2014.;

Rat ix-xhieda ta' Reuben Bonnici, ghall-ARMS Limited, u ta' Saviuor Theuma ghad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, li xehedu fis-seduta tal-10 ta' April 2014;

Rat ix-xhieda ta' Daniela Camilleri Sacco u ta' Audrey Ghigo, ghall-HSBC Bank Malta plc, li xehedu fis-seduta tal-1 ta' Ottubru 2014;

Rat il-kontroezami tal-attrici li sar fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2015;

Rat l-affidavit tal-konvenut, anness ma' nota ppresentata fis-17 ta' Marzu 2015;

Rat il-kontroezami tal-konvenut li sar fis-seduta tal-15 ta' Frar 2016;

Rat in-nota tal-avukati Dr Sharon Mizzi Deguara u Dr Rodianne Sciberras tal-25 ta' Frar 2016, li biha ddikjaraw li kienu qed jirrinunzjaw ghall-patrocinju tal-konvenut;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-24 ta' Frar 2016 meta l-Qorti tat lill-partijiet sitt gimghat zmien ghal nota tal-osservazzjonijiet u ddiferit il-kawza ghallum ghas-sentenza;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-attrici ppresentata fis-6 ta' April 2016;

**IL-PROVI**

Il-partijiet ma humiex mizzewgin, izda huma il-genituri tal-minuri S Y H li twieled fis-17 ta' Settembru 2008. L-attrici qed titlob li tigi fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri, u li ghandha tigi ffissata retta alimentarja xierqa li ghandha tithallas mill-konvenut fl-interess tal-minuri. L-konvenut jopponi ghall-ewwel talba u jiddikjara li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tkun kongunta bejn il-genituri, li dispost li jmantnih skond il-mezzi tieghu, u li ma ghandhux ihallas spejjez ta' dawn il-proceduri filwaqt li jitlob li jinghata access ghall-istess minuri.

B'digriet tat-13 ta' Marzu 2013, Fol 18, din l-Qorti ordnat li pendente lite, u sakemm ma tinghatax ordni ohra, is-setgha tal-genitur tigi ezercitata miz-zewg genituri flimkien, b'dan li l-minuri jirrisjedi mal-omm, b'access tal-missier versu l-minuri kif miftiehem bejn il-partijiet min zmien ghal zmien. Il-minuri ghandu

jibqa jattendi l-iskola li jattendi fil-present, u l-missier gie ordnat ihallas pendente lite ghall-minuri lill-omm l-ammont ta' Euro40 fil-gimgha kif ukoll nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u ta' sahha. Il-manteniment jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja.

B'rikors ppresentat fid-9 ta' April 2013, Fol 11, l-attrici talbet li l-minuri jattendi l-iskola tal-Knisja Stella Maris Balzan, fejn jattendi ukoll wild iehor taghha, Matthias Spiteri H. L-konvenut oppona in vista tal-ispejjez. Il-Qorti, b'digriet tas-6 ta' Mejju 2013, Fol 26 , laqghet it-talba billi l-ispejjez involuti ma kienux projbitivi u t-talba kienet fl-interess tal-minuri

**L-attrici F G H**, fl-affidavit taghha, Fol 35 et seq, tiddikjara li hi omm il-minuri S li twieled fis-17 ta' Settembru 2008 minn relazzjoni li kellha mal-konvenut, X Y. Ir-relazzjoni taghhom spiccat fi Frar 2010, u minn dak iz-zmien rabbiet lill-minuri wahedha, bl-ghajnuna tal-genituri taghha. Bejn Frar 2010 u Awissu 2011, u bejn Settembru 2012 u Marzu 2013 il-konvenut qata' kull kuntatt maghha u ma' binhom, kien anke biddel in-numru tal-mobile phone minghajr ma qalilha. Hi tiddikjara li qatt ma cahdet lill-konvenut mill-opportunita' li jkollu access ghall-minuri.

Meta r-relazzjoni taghhom spiccat hi marret tghix ghand il-genituri taghha flimkien mal-minuri S u tifel iehor taghha li kellha minn relazzjoni ohra. Iddikjarat li fil-prezent ma ghadhiex tghix ghand il-genituri, u qed tghix mas-sieheb taghha f'appartament bil-kera. Hi tahdem bhala suldat mal-Forzi Armati ta' Malta, l-genituri taghha dejjem ghinuha finanzjarjament, kienu jixtrulha l-htigijiet kollha tal-minuri bhal nappies, wipes u halib. Il-kontribut tal-konvenut kien inadegwat u irregolari. Il-konvenut kien dejjem jilmenta li ma kellhux flus bizzejjed, li kellu bzonnhom ghalih, u dejjem kienu jiggieldu meta kienet titolbu nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni tat-tifel. Hu oggezzjona li t-tifel jmur skola tal-Knisja, Stella Maris, School, Balzan, biex ma jhallax u kien jghidilha taghmel li trid basta ma titolbhux spejjez.

L-attrici ghandha salarju baziku ta' Euro 898.46 fix-xahar. Minn Jannar sa Frar 2013 id-dhul net taghha kien ta' Euro3011.44 u fis-sena 2012 id-dhul net kien ta' Euro 11,091.43. Hi Gttiet id-dokumenti mal-affidavit b'konferma ta' dan.

Dwar l-ispejjez l-attrici indikat lista ta' spejjez generali, kif ukoll elenkat separatament lista tal-ispejjez ghall-edukazzjoni, sahha u hwejjeg tal-minuri, li minn Jannar sa Mejju 2013 ammontaw ghall-Euro 1057. Iddikjarat li ghandha zewg ulied ohra, Matthias u Kelsey minn relazzjoni ohra li ghandhom sitt snin u sena rispettivament, li ukoll jghixu maghha. Ikkonfermat li recentement S gie accettat fl-iskola ta' Stella Maris, Balzan, fejn jattendi ukoll, Matthias, u l-

konvenut oppona, billi ghalkemm tithallas biss donazzjoni hu rrifjuta li jhallas nofsha.

L-attrici spjegat li S jbghati mill-asthma, u ghalkemm l-*inhalers* tohodhom b'xejn mill-Gvern, il-pinnoli trid tixtrihom u dawn jiswew Euro 10 kull kaxxa. Darba kellha ddahhal it-tifel l-Isptar fis-saghtejn ta' filghodu, billi kellu problem respiratorji, cemplet lill-konvenut fuq il-mobile u l-anqas irrispondiha. Zmien wara, waqt argument kien qalilha li dak ma kienx hin li ccempel. Kien hemm okkazzjonijiet meta t-tifel ried jmur ghand missieru, u meta l-attrici kienet tghid lill-konvenut dan kien jgib xi skuza u jghid li kellu impenji ohra personali.

Meta S kellu xi tlett snin kellu problemi ta' ingieba u kliem u l-attrici haditu c-Child Development Analysis Unit (CDAU) fejn gie ezaminat dwar aspetti ta' sahha u zvilupp. Ghalkemm avzat lill-konvenut bl-appuntament dan ma marx u meta l-attrici cemplitlu, wiegeb li baqa' rieqed u mar tard.

Hi kkonfermat li l-gid u s-sahha tal-minuri S qatt ma kienu priorita' ghall-konvenut, li la ha interess fis-sahha tat-tifel u l-anqas fl-edukazzjoni tieghu. L-attrici kkonfermat li qed jkollha problemi meta l-awtoritajiet jkunu jirrikjedu l-kunsens jew il-prezenza tal-konvenut, billi dan ma jkunx irrid jinvolvi ruhhu jew jidhol ghal xi spejjez, u ghalhekk hi qed titlob li l-kura u l-kustodja tal-minuri S ghandha tigi fdata esklusivament lilha.

**Anna H**, omm l-attrici, fl-affidavit taghha, mahluf fit-28 ta' Mejju 2013, Fol 82, ikkonfermat li bintha rabbiet lil S wahedha minghajr l-ghajnuna tal-konvenut X Y. Tghid li bintha xorta wahda qatt ma cahdet lill-minuri minn missieru ghalkemm dan ta' l-ahhar qatt ma wera interess fih. Kienet bintha li hadmet u stinkat biex taghti trobbija u edukazzjoni tajba lil S. Meta l-attrici kienet tkun xoghol fuq *day shift* ix-xhud kienet tiehu hsieb il-minuri wara l-iskola sakemm tigi ghalih ommu wara ix-xoghol. Hi kkonfermat li ghinet lill-bintha finanzjarjament bhal xiri ta' nappies u halib tat-tfal. Kkonfermat li l-konvenut qatt ma ried ihallas l-ispejjez edukattivi tal-minuri bhal uniformi, kotba u stationery u ghal zmien twil kien qata' kull kuntatt billi biddel in-numru tat-telephone u l-anqas qal lill-attrici x'kien n-numru l-gdid. Kkonfermat li meta il-minuri kien ghal xi granet rekoverat fl-Isptar, ghalkemm l-attrici ppruvat tikkommunika mal-konvenut dan ma kienx qed jirrispondi l-mobile phone tieghu.

Spjegat li l-attrici jkollha problemi biex tigbor il-manteniment billi l-konvenut dejjem jaqla' l-glied u l-attici jkollha b'diffikulta' tmur fil-ghaxija kull gimgha biex tigbor il-manteniment. Hi qatt ma fehemet kif il-konvenut ghalkemm jahdem qatt ma ghadu flus ghal ibnu, mentri bintha dejjem hadmet fl-ahjar interess tat-tifel u dejjem trid tarah jitbissem u kuntent, u ghamlet mezz li ttih l-ahjar edukazzjoni.

**Keith H**, hu l-attrici, fl-affidavit tieghu, Fol 83, ikkonferma li l-attrici ohtu prattikament rabbiet lill-minuri S wahedha bl-ghajnuna tal-genituri taghhom. Hu jiftakar li meta l-partijiet kienu ghadhom flimkien X Y kien dejjem igerger li ma kellhux flus ghall-htigijiet tal-minuri, ghalkemm kellu impieg, u ghalih u ghall-hbieb kellu hin u flus. Ohtu ilha trabbi lill-minuri mill-gurnata li twieled, minghajr l-ghajnuna ta' X. Fortunatament, billi qabel kellha it-tifel Matthias , setghet tuza il-pram, il-cot u anke hwejjeg li kienet gia' uzat ghal Matthias. Ix-xhud ikkonferma li anke hu gieli xtralha affarjiet tal-babies bhal nappies u formula milk.

Meta r-relazzjoni bejn il-partijiet spiccat, l-attrici regghet marret tghix ghand il-genituri taghhom ma' uliedha Matthias u S, dejjem hadet hsiebhom bl-ghajnuna tal-istess xhud u tal-genituri taghhom, mentri X ma wera l-ebda interess fil-minuri billi la kien jmur jarah u l-anqas ma kien iccempel biex jara kif inhu. Ohtu, l-attrici pero' qatt ma cahdet lill-konvenut l-access ghall-minuri. Ikkonferma li meta ohthu tkun xoghol, it-tifel tiehu hsiebu ommhom Anna H sakemm ohtu tigi lura mix-xoghol. Jikkonkludi li hemm relazzjoni tajba hafna bejn il-minuri u ommu, li assikurat li jkollu l-ahjar edukazzjoni, beda f'St Angela Nursury, kompla f'Stella Maris Primary School, Balzan u minn hemm jista' jkompli fil-Kullegg ta' San Alwigi.

**Lesley Tabone**, fl-affidavit tieghu, Fol 84, iddikjara li hu s-sieheb tal-attrici, li kien ilu jaf lill-attrici xi sentejn, u kkonferma li l-minuri qatt ma kien ikun mal-konvenut, izda dejjem mal-attrici li rabbietu wahedha bl-ghajnuna tal-genituri taghha. L-attrici dejjem hadmet u dejjem kellha l-interess ta' S fuq quddiem, u rrnexxhielha taghtih l-ahjar edukazzjoni u qatt ma kien nieqes minn xejn. Semma l-incident ta' meta il-minuri spicca l-Isptar minnhabba attack tal-asthma u li meta l-attrici cemplet lill-konvenut dan ma rrispondijiex u kien hu imbaghad li ha lill-minuri l-Isptar.

Fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2013, l-Qorti ddegretat dwar l-access, li sakemm ma jinghatax provediment iehor, ma ghandux jkun hemm sleepovers mal-missier u l-access ghandu jigi ezercitat darbtejn fil-gimgha minn nofs in-nhar sal-5.30pm ghand in-nanna paterna. Il-Qorti, in oltre, ordnat li l-manteniment ghall-minuri jitnaqqas direttament mis-salarju tal-missier u jithallas direttament lill-omm.

L-attrici b'nota tal-5 ta' Awissu 2013, Fol 87, ippresentat erba rapporti lill-Pulizija, b'konferma li t-tifel kien jibda jikbi u ma jmurx mal-missier.

Il-konvenut, b'rikors tal-20 ta' Gunju 2013 Fol 101, talab li jekk l-attrici tinsisti li it-tifel jmur San Alwigi, l-ispejjez skolastici jkunu a karigu taghha. Din t-talba giet michuda b'digriet ta' din il-Qorti tat-8 ta' Lulju 2013, Fol 106.

**Joseph Magri**, li jokkupa il-kariga ta' pagatur mal-Forzi Armati ta' Malta, fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2013, mizmuma mil-Assistent Gudizzjarju, kkonferma li l-konvenut ilu impjegat mal-armata mill-4 ta' Jannar 2010. Ipprezenta Dok JM1 li minnu jirrizulta li l-konvenut ghas-sena 2010 kellu income ta' Euro 11,415.10. Fis-sena 2011 kellu income ta' Euro 13,404.86- Dok JM2. Fis-sena 2012 kellu income ta' Euro 14,988.38- Dok JM3.

**Sharlon Pace**, Direttur ta' JCSR Ltd ikkonfema li l-konvenut hadem mal-kumpanija imsemmija ghal-xaharejn biss, qala' gross Euro 133 u kien hemm Euro 20 taxxa-Dok X a fol 132.

Mid-dokumenti a fol 147 sa fol 150 jirrizulta li d-dhul tal-attrici mill-impieg taghha mal-Forzi Armati ta' Malta kien is-segwenti:

Id-dhul gross taghha ghas-sena 2012 kien Euro 12,521.30 -Fol 147 u Fol 148; ghas-sena 2013 kien Euro 15,293.75. –Fol 149 u Fol 150.

Mid-dokument tad-**Dipartiment tas-Sigurta' Socjali**, Fol 159 ,jirrizulta li wara li twieled Matthias fit-13 ta' Jannar 2007 l-attrici tircievi ic-Children's Allowance ghal tifel wiehed, bdiet tircevi allowance ghall zewgt itfal meta twieled S fis-17 ta' Settembru 2008 u bdiet tircevi allowance ghall tlett itfal meta twieldet Kelsey fit-3 ta' Gunju 2012, ghal dik is-sena rceviet Euro 1779.96 u ghas-sena ta' wara 2013 rceviet Euro 1,555.54.

**Daniela Camilleri Sacco**, ikkonfermat, Fol 374, li d-donazzjoni li thallset ghall-iskola fejn jattendi S kienet ta' Euro 400 ghal sena u din thallset mill-attrici, F G H. Id-donazzjoni tithallas kull sena li t-tifel jkun jattendi fl-iskola. S kien fil- year 2, jkun fadallu 9 snin jekk jaghmel is-sekondarja biss u 11 il-sena jekk jaghamel is-sixth form ukoll.

Audrey Ghigo, ghall-**HSBC Bank Malta plc**, Fol 376 ikkonfermat li l-attrici kella xi kontijiet l-Bank f'isimha biss, li kollha nghalqu. Kellha ukoll current account joint mal-konvenut li nfetah fl-4 ta' Awissu 2008 u nghalaq fl-20 ta' Gunju 2010, u kien hemm savings account li nfetah fl-20 ta' Marzu 2008 u nghalaq fl-20 ta' Gunju 2008.

Il-**konvenut X Y**, fl-affidavit tieghu, Fol 428 et seq, jikkonferma li mir-relazzjoni li kellu mal-attrici twieled it-tifel S. Sakemm it-tifel kellu sena u nofs jghid li ma kellhomx problemi, izda wara inqala' incident li wassalhom biex itterminat ir-relazzjoni ta' bejnithom. Hu jghid li meta dahal fl-Armata kellu jghix live-in gol-barracks ghal-hmistax il-gurnata, u meta mar biex jigbed il-paga sab biss Euro 150 meta il-paga kienet Euro 750. Mill-verifiki li ghamel il-bank irrizultalu li l-

flus kienu ngibdu mill-ATM meta hu kien ghadu live-in fil-barracks. Irrapporta lill-Pulizija, li mill-cameras irrizultalhom li l-flus gibdithom mara b'xagharha isfar li kellha pushchair. Hu ghalhekk issuspetta li kienet l-attrici, informa lill-Pulizija li talbuha tirritorna il-flus u hi rritornat parti billi kienet gia' uzat xi haga minnhom. L-konvenut jghid li wara dan l-incident ma setghax jafdaha izjed, ir-relazzjoni taghhom spiccat u beda l-inkwiet bejniethom.

Jghid li ghamel madwar sentejn ma jarax lill-ibnu ghax kienet timpika mieghu u tghidlu li biex jarrah kellu jipprocedi bil-Qorti. Hu fetah medjazzjoni dwar it-tifel u nel frattemp hi ukoll dahlet tahdem mal-Forzi Armati u talbet biex tkun fid-divizzjoni tieghu. Hu kien kellem lill-Kurunell biex possibilment ma jkunux flimkien billi kienu hassru. Semma incident meta kienu fl-istadju ta' medjazzjoni, meta hu kien qed isuq lejn Santa Venera u hi kienet qed issuq fid-direzzjini opposta, ghamlet U turn u meta tkellmu qaltlu "It-tifel zommu int u la ittini l-flus giebu lura." Hu kien fil-karozza mal-partner tieghu, Christina, it-tifla taghha u it-tifla tieghu, Niandra. Ghamel rapport l-Agenzija Appogg u aktar tard cemplulu mill-Ghassa dwar it-tifel. L-ghadha obda l-ordni tal-Pulizija u t-tifel haduh il-Pulizija fil-karozza taghhom, bil-pyjama, nofsu rieqed.

Il-konvenut jghid li l-attrici ittih 'hard time' biex jara lit-tifel. Jghid li sabiex tbedu mit-tifel darba allegat li kien abbuza mit-tifel. Jghid li l-attrici tghidlu sabiex lit-tifel jhallih fil-kwiet, biex ma jiftahx feriti u meta t-tifel irid ikellmu, jiddecidi hu. Jghid li l-anqas f'gheluq snin it-tifel ma hallietu icempillu ghax bblokjatlu l-mobile.

Dwar l-introjtu tieghu, l-konvenut iddikjara li ghandu paga ta' bejn Euro 800 u Euro 900 kull erba gimghat, jrid ihallas manteniment ghat-tifla Niandra Euro 120 kull erba gimghat, u manteniment ta' S Euro162.71 kull erba gimghat.

Jibqalu Euro 567.29 li minnhom jrid ihallas il-loan tal-karozza u l-loan biex jimla d-dar. Jghid li issellef mill-Bank Euro 16,000 ghad fadallu ihallas Euro 15,000, ghandu Euro 350 fix-xahar kera tal-appartament, li suppost thallas nofsha il-partner, pero' billi ma tahdimx jkollu ihallasha hu, jibqalu biss Euro 87.29 kull erba gimghat u ghandu Euro 1000 arretrati tal-kontijiet tad-Dawl u l-Ilma.

Ghalkemm jaccetta li lil ibnu jrid imantnih jiddikjara li ma jistax ihallas nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni fi skola privata. Hu jghid li l-attrici tibghatlu il-kontijiet kollha, anke dawk ta' ftit centezmi, u ir-ricevuti ma jispecifikawx li jirreferu ghall-spejjez ta' S u billi ghandha tifel iehor fl-istess skola ma jkunx cert li jirreferu ghat-tifel tieghu.

Ikkunsidrat;

L-attrici, fin-nota tal-osservazzjoniet taghha, Fol 485 et seq, ppresentata fis-6 ta' April 2016, tissottometti li l-minuri S illum ghandu seba' snin u dejjem irisjeda mal-attrici ommu. Ir-relazzjoni bejn il-partijiet spiccat fit-2010 u minn dak iz-zmien l-attrici rabbiet lill-minuri wahedha bl-ghajnuna tal-genituri taghha. Hi enfasizzat in-nuqqas ta' interess tal-konvenut, li ghalkemm qatt ma gie mcahhad mill-attrici li jezercita l-access versu l-minuri, spiss kien jaghzel li ma jarahx minghajr ebda raguni. Dan jirrizulta mill-sms's minnu stess ipprezentati.

Fir-rigward tal-edukazzjoni tat-tifel l-attrici tissottometti illi l-konvenut ma jarax l-interess tal-istess minuri izda dejjem jagixxi biex jipprova jevita li johrog flus ghal ibnu. L-attrici ghalhekk titlob li tigi fdata bil-kura u kustodja esklusiva ta' binha S, fl-ahjar interess tal-minuri u li l-Qorti ghandha tordna li l-minuri jibqa l-iskola fejn jattendi prezentement. Tilmenta mill-fatt li l-manteniment prezenti ta' Euro 40 fil-gimgha u nofs l-ispejjez ta' sahha u ta' skola tal-minuri hu manifestament inadegwat, tenut kont tal-bzonnijiet tal-istess minuri u l-introjtu tal-konvenut missieru. Tissottometti li l-manteniment ghandu jkun mill-inqas ta' Euro 300 fix-xahar, li ghandu jithallas direttament lill-omm mis-salarju tal-konvenut, kif ukoll nofs l-ispejjez ta' sahha u ta' skola tal-minuri.

L-attrici qed titlob ukoll li l-konvenut ghandu jigi ordnat ihallas somma ulterjuri biex taghmel tajjeb ghad-differenza ghaz-zmien kollu li l-attrici kienet qed tircevi biss l-ammont ta' Euro 40 fil-gimgha bhala manteniment ghall-minuri.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

**Ligi Dwar Hlas ta' Manteniment fl-interess tal-Ulied.**

Il-provvedimenti legali fil-Kodici Civili referibbli ghad-dover tal-genituri li jipprovdu manteniment lill-uliedhom huma s-segwenti:-

**Artikolu 7.**

(1) Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B.

**Artikolu 19.**

*(1) Fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni.*

*(2) Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra, jidħlu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom.*

**Artikolu 20.**

*(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu*
*mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx*
*axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust.*

Il-partijiet, genituri tal-minuri, m'humiex mizzewgin lil xulxin. Dwar l-obbligi ta' manteniment tal-ulied ta' genituri li ma jghixux japplikaw l-istess regoli, sew jekk il-genturi huma mizzewga lil xulxin, sew jekk le. Issir ghalhekk referenza ghall-provvedimenti legali fil-Kodici Civili li jipprovdu dwar il-manteniment tal-ulied f'kaz ta' firda tal-genituri mizzewgin:-

**Artikolu 54.**

- omissis

*(2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied f'każ ta' firda, jiġi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-miżżewġin, il-ħila tagħhom li jaħdmu u l-bżonnijiet tagħhom, u għandhom jitqiesu wkoll iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-miżżewġin u tal-ulied, inkluż dan li ġej:*

*(a) il-bżonnijiet tal-ulied, wara li jkunu tqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tagħhom;*

*(b) xi diżabilità, kif imfissra fl-Att dwar l-Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, kemm jekk hija fiżika jew mentali;*

*(ċ) ċirkostanzi ta' mard li tant ikunu serji u gravi li jikkomprometttu l-kapaċità tal-miżżewġin jew ta' l-ulied li jmantnu lilhom infushom;*

*- omissis*

*(e) kull qligħ jew benefiċċju li l-miżżewġin, jew min minnhom, jirċievu skont il-liġi, minbarra kull għajnuna soċjali li mhix kontributorja li tkun qed titħallas lilhom taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali:*

*Iżda, għall-fini ta' dan il-paragrafu, għandha titqies il-pensjoni għad-diżabilità taħt l-artikolu 27 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali;*

*(f) il-ħtiġiet għall-akkomodazzjoni tal-miżżewġin u tal-ulied;*

*- omissis -*

*(4) Il-qorti fl-għoti tal-manteniment tista' tipprovdi wkoll għall-mod ta' kif dan jista' jawmenta minn żmien għal żmien.*

*- omissis -*

*(7) Il-qorti tista' tordna, skont iċ-ċirkostanzi, li l-ħlas tas-somma globali msemmija fis-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu jsir f'għadd ta' skadenzi ndaqs jew mhux indaqs mifruxa fuq perijodu ta' żmien xieraq.*

*(8) Il-qorti tista' wkoll tordna li, minflok dik is-somma globali, imsemmija fis-subartikolu (5), kollha jew parti minnha, il-parti li jkollha tħallasha tagħti lill-parti l-oħra proprjetà b'titolu ta' proprjetà jew użufrutt, jew għall-użu jew abitazzjoni.*

*(9) Meta jkun hemm tibdil li jiġri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli għall-manteniment jew il-bżonnijiet tal-parti l-oħra, il-qorti tista', fuq it-talba ta' kull waħda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skont il-każ. Iżda, meta tkun tħallset somma globali jew tkun ingħatat proprjetà b'sodisfazzjon totali tal-obbligu ta' parti li tħallas manteniment lill-parti l-oħra, ir-responsabbiltà kollha tal-ewwel parti għall-manteniment tat-tieni parti tieqaf. Iżda meta s-somma globali tkun tħallset jew il-proprjetà tkun ingħatat bħala parti biss mill-imsemmi obbligu, il-qorti għandha, meta tordna l-ħlas tas-somma globali jew l-għoti tal-proprjetà, fl-istess ħin tistabbilixxi l-parti tal-manteniment li tkun hekk sodisfatta u kull tibdil li jiġri wara għandu f'dan il-każ ikun japplika biss għal dik il-parti li ma tkunx sodisfatta u fl-istess proporzjon għaliha.*

**Gurisprudenza**.

Il-Qrati taghna konsistentement sostnew illi l-quantum tal-manteniment tal-minuri pagabbli mill-genitur li m'ghandux il-kustodja tal-minuri jigi stabbilit wara apprezzament li l-Qorti trid taghmel tal-fatti migjuba quddiemha fid-dawl tal-provvedimenti legali appena citati.

F'kawza li l-fattispecie taghha kienu simili ghal dawk tal-kawza odjerna, l-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Angela Conti vs Lawrence Bonnici** moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Frar 2015 iddikjarat illi:

"Wiehed l-ewwelnett ghandu jifhem li f'ezercizzju bhal dak li taghmel Qorti meta tiffissa hlas ta' manteniment l-istess Qorti tkun qed taghmel apprezzament tal-fatti li jkollha quddiemha u mbaghad skont l-artikoli fuq imsemmija tal-Kodici Civili tasal ghall-konkluzjoni taghha dwar x'ghandu jkun l-ammont gust li jithallas."

Gie dikjarat, ukoll mill-Qorti tal-Appell, fis-sentenza **Catherine Mifsud v. Louis Mifsud** (deciza fil-25 ta' Ottubru 2013) illi:

"Il-manteniment ma huwiex xi dritt sagrosant ta' min jissepara izda jigi ordnat il-hlas tieghu meta hemm il-bzonn (L-Artikolu 20.1 tal-Kodici Civili jghid li l-manteniment ikun dovut skont il-bzonn ta' min qed jitolbu). Skont is-subincizi l-ohra tal-istess artikolu l-manteniment ghandu jigi iffissat skont il-mezzi ta' min huwa obligat jivversah u dawn il-mezzi jinkludu l-qliegh mill-attivita` tieghu u anke l-utili tal-beni tieghu."

**Apprezzament tal-Provi**.

**Kura u Kustodja tal-Minuri**

Mill-provi mressqa mill-partijiet irrizulta li illum kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut qeghdin rispettivament f'relazzjoni ma' persuni ohra. L-attrici, qabel ma twieled S, bin il-partijiet fis-17 ta' Settembru 2008, kellha lil Matthias, li twieled fit-13 ta' Jannar 2007, u mas-sieheb presenti taghha, Lesley Tabone kellha lill-Kelsey, li twieldet fit-3 ta' Gunju 2012. L-konvenut, qabel ma kellu l-minuri S, kellu it-tifla, Niandra,li twieldet fid-19 ta' Frar 2006 Fol 455 mir-relazzjoni li kellu ma' Kresida Gellel, kuntratt ta' rikonoxximent tal-31 ta' Lulju 2008 u llum jghix mal-partner tieghu Christina u bintha, kif ddikjara fl-affidavit tieghu Fol 428.

L-attrici qed titlob li l-kura u l-kustodja tal-minuri S, ghandha tigi fdata lilha esklusivament, fl-ahjar interess tal-minuri. Il-konvenut jikkontesta din it-talba u

jikkontendi li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tkun kongjunta bejniethom, iz-zewg genituri.

Idealment il-kura u l-kustodja ta' minuri tkun kongjunta bejn il-genituri. Anke mill-aspett psikologiku hu essenzjali ghall-minuri li kemm ommu kif ukoll missieru, ikunu parti minn hajtu u jippartecipaw attivament fid-decizzjoniijiet kollha li jkunu qed jikkoncernaw lill-istess minuri. Sabiex kura u kongunta tithalla f'idejn iz-zewg genituri huwa necessarju li jigi ppruvat li tali kura u kustodja kongunta tkun fl-ahjar interess tal-minuri. Izda l-Qorti hija fid-dover li timxi b'kawtela kbira meta tigi sabiex tiddeciedi dwar il-kura u kustodja ta' minuri fl-isfond ta' litigji kontinwi bejn iz-zewg genituri.

Issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' April 2016 fl-ismijiet "**Francienne Fenech vs Alexander sive Sandro Fenech"** fejn l-appellant kien appella mis-sentenza tal-Prim' Istanza li kienet affidat il-kura u kustodja tal-minuri esklussivament f'idejn l-omm. Il-Qorti tal-Appell iccitat b'approvazzjoni dak riportat fis-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-**kawza numru 277/2012** fl-ismijiet **Scott Schembri vs DoriG Polidano** deciza fit-30 ta' April 2015, fejn il-pozizzjoni legali korretta u stabbilita fil-gurisprudenza f'kazijiet ta' determinazzjoni ta' kura u kustodja tal-minuri u modalita` ta' access favur il-minuri giet deskritta bil-mod segwenti; "In tema legali issir referenza ghas-sentenza moghtija fit-3 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet **Miriam Cauchi vs Francis Gauci** fejn il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi fejn il-genituri ma jitkellmux talba ghall-kustodja kongunta ghandha tigi skartata mill-Qorti. Din il-Qorti filwaqt li tiddikjara li taqbel ma' tali pronunzjament izzid illi l-istess principju japplika fejn iz-zewg genituri m'humiex kapaci jitkellmu b'mod civili ma' xulxin li l-kura u kustodja m'ghandhiex tkun kongunta ghaliex immankabilment tkun sors ta' litigji ulterjuri b'detriment serju ghall-benessere tal-minuri. Fis-sentenza appena citata l-Qorti tal-Appell iddikjarat hekk:- 'Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli.' "Fis-sentenza **Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud** moghtija mill-Qorti talAppell fl-4 ta' Marzu 2014, il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap. 16 li jaghti l-poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. "Fl-ahharnett issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014 fl-ismijiet **Mario Darmanin vs Annalise Cassar**, ' …….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuri, il-Qorti ma ghandhiex tkun iddettata u kondizzjonata mill-

merti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss dwar x'inhu l-ahjar interess tal-minuri. (vide per ezempju **Magro v. Bonnett** 11 ta' Dicembru 2003 u **Portelli v. Portelli**, 25 ta' Gunju 2003 – Prim' Awla). 'Dwar jekk kura u kustodja kongunta f'kazi bhal dawn hijiex l-ahjar soluzzjoni, din il-Qorti taqbel ma' sensiela ta' sentenzi moghtija minn din il-Qorti fl-ahhar snin u cioe' kif qalet din il-Qorti illi: "Il-Qorti qed tiskarta t-talba ghal kustodja kongunta ghaliex bhala sistema m'hijiex prattikabbli meta l-genituri ma jiftehmux bejniethom." (**Miriam Cauchi v. Francis Cauchi** – Qorti tal-Appell, 3 ta' Ottubru 2008). Li wiehed jghid li f'din il-kawza l-partijiet mhux jiftehemu huwa "understatement". Il-Qorti tara li jekk tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel Qorti f'dan l-aspett tkun qed taghti lok ghal hafna disgwid li ma jfisser xejn ghajr hsara lill-minuri, specjalment jekk kif jista' jigri fil-hajja ta' kull bniedem ikun hemm bzonn ta' decizjonijiet mghaggla u urgenti f'dan ir-rigward. Certament ghalhekk tali sitwazzjoni ma hija prattikabbli xejn fil-kaz in ezami.'

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi ma hux fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u kustodja tal-minuri tkun kongunta. Ezami tal-atti juri illi l-partijiet ilhom sa mit-18 ta' Settembru 2012 f'litigji kontinwi u interminabbli b'numru ta' rikorsi intavolati sa minn zmien il-medjazzjoni. Sa minn dak iz-zmien il-partijiet ilhom f'kumbatt dwar il-manteniment tal-minuri kif ukoll dwar l-edukazzjoni tal-minuri. Il-missier mill-bidunett irrifjuta li l-minuri jattendi skola tal-knisja ghaliex sostna li finanzjarment ma jiflahx il-piz finanzjarju li dan igib mieghu. Il-konvenut baqa' tal-istess fehma allavolja irrizulta illi l-maggorparti tal-ispiza mehtiega ghall-edukazzjoni tat-tifel hija sussidjata u mhux imhallsa mill-genituri. Il-genituri jhallsu biss donazzjoni li naturalment ma hiex mandatorja.

Irrizulta li l-konvenut ghamel diversi perijodi ma jarax lill-minuri. Huwa jwahhal fl-attrici ghal dan u jakkuzaha illi ma kenitx thallih jara lill-minuri fuq medda ta' xhur. Pero' l-Qorti ma temminx din il-verzjoni. Jirrizulta li fiz-zmien rilevanti l-konvenut ma ghamel l-ebda talba b'urgenza sabiex jinghata access ghall-minuri. Inoltre irrizulta mix-xhieda mhux kontestata tal-attrici illi f'dawk il-perijodi l-konvenut ma kien qed ihallas l-ebda manteniment ghall-minuri.

Fid-9 ta' April 2013, b'rikors l-attrici talbet li l-minuri jattendi l-iskola Stella Maris School Balzan billi l-konvenut kien qed jinsisti li l-minuri jatendi skola tal-Gvern. Il-konvenut oppona ghat-talba b'risposta ppresentata fit-2 ta' Mejju 2013, Fol 16. Hu ssottometta li ma kienx jiflah ghal din l-ispiza u ddikjara li kien lest jikkolabora kemm il-darba it-tifel jigi accettat fuq bazi umanitarja u bla hlas. Il-Qorti, b'digriet tas-6 ta' Mejju 2013, Fol 26, billi l-ispejjez involuti m'humiex projbitivi u t-talba hi fl-ahjar intress tal-minuri, laqghet it-talba.

B'rikors ippresentat fl-20 ta' Gunju 2013, Fol 101, l-konvenut talab li jekk l-intimata tinsisti li l-minuri S jattendi l-Kullegg ta' San Alwigi, l-ispejjez kollha skolastici ghandhom jkunu a karigu taghha. L-attrici b'risposta ippresentata fil-5 ta' Lulju 2013, Fol 104, iccarat li d-donazzjoni ta' Euro 400 hi annwali u mhux kull term, u ddikjarat u fl-aghar ipotesi xorta b'sagrificcju kienet disposta li thallasha hi. Il-Qorti b'digriet tat-8 ta' Lulju 2013, Fol 106, cahdet it-talba tal-konvenut.

F'xenarju ta' litigji kontinwi bejn il-partijiet mhiex sorpriza dak li sehh meta l-minuri kellu bzonn jittiehed l-Isptar b'urgenza minhabba problemi respiratorji u meta l-attrici cemplet lill-konvenut ma wegibx it-telefonata tal-attrici. F'dik l-okkazzjoni il-kondizzjoni kritika tat-tifel setghet potenzjalment tirrikjedi l-awtorizzazjoni taz-zewg genituri ghal xi intervent fuqu, u n-nuqqas ta' komunikazzjoni mal-genitur l-iehor, setghet ikollha konsegwenzi serjissimi fuq il-minuri. F'dawn is-sitwazzjonijiet partikolari, kull decizzjoni li ghandha titiehed jinhtieg li tkun primarjament fl-interess tal-minuri.

Irrizulta li l-komunikattiva bejn il-partijiet hija inezistenti. Irrizulta wkoll illi l-konvenut ghamel zmien ma jarax lill-minuri probabilment bil-hsieb illi la ma kienx qed jarah allura ma kellux ihallas manteniment ghalih. Il-Qorti hi tal-fehma li r-relazzjoni ta' konflitt kontinwu bejn iz-zewg genituri ma hemmx tama li ser tittaffa fil-futur qarib. Huwa evidenti ghall-Qorti illi jekk takkorda l-kura u kustodja kongunta kull pass li jkun mehtieg fit-trobbija tal-minuri ser iwassal ghall-aktar litigji bejn iz-zewg genituri.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tiddeciedi illi fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz huwa fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u kustodja tal-minuri tigi akkordata esklussivament f'idejn l-omm u maghha ghandu jirrisjedi.

**Manteniment tal-Minuri.**

Gialadarba qed jigi deciz li l-minuri ghandu jirrisjedi mal-omm huwa mehtieg jigi deciz jekk il-konvenut ghandux ihallas manteniment ghall-minuri u fl-affermattiv, il-quantum relattiv. Mix-xhieda tal-konvenut jirrizulta illi filwaqt li jirrikonoxxi l-obbligu tieghu li jhallas manteniment ghall-minuri, jikkontesta l-ammont reklamat mill-attrici. L-attrici qed titlob li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas manteniment ghall-minuri fis-somma ta' tlett mitt ewro (€300) oltre nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha.

Dwar id-dhul mix-xoghol tal-partijiet jirrizulta li l-attrici hi ingaggata bhala Gunner mal-Forzi Armati ta' Malta, id-dhul gross taghha ghas-sena 2013 kien ta'

hmistax-il elf, mitejn u tlieta u disghin ewro u hamsa u sebghin (€15,293.75)[1]. Irrizulta wkoll li tircevi Children's allowance ghall-minuri.

Il-konvenut hu wkoll Gunner mal-Forzi Armati ta' Malta. Il-prova li ngabet dwar is-salarju tieghu tirreferi ghas-sena 2012 minn fejn jirrizulta li kellu dhul gross ta' erbatax-il elf, disa' mija u tmienja u tmenin ewro u tmienja u tletin centezmu (€14,988.38).[2], Fol 119. Presumibilment fis-sena 2013 id-dhul tieghu kien ugwali ghal dak tal-attrici jew inkella vicin.

Oltre l-manteniment mensili u nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha l-attrici qed titlob ukoll illi fl-eventwalita' li l-ammont ta' manteniment deciz f'din is-sentenza jkun akbar minn dak stabbilit pendente lite, l-konvenut jigi kkundannat ihallas id-differenza bejn dak deciz fis-sentenza u l-quantum stabbilit b'digriet pendente lite fit- 13 ta' Marzu 2013 (Fol 18).

Il-Qorti wara li qieset il-htigijiet tal-minuri kif ukoll id-dhul u l-htigijiet rispettivi tal-partijiet tillikwida l-ammont ta' manteniment li l-konvenut ghandu jhallas ghall-minuri fis-somma ta' mitejn u hamsin ewro (€250) fix-xahar li jinkludi l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha. Il-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li jkun ahjar ghall-minuri illi tigi ffissata somma globali wahda li tinkludi l-kontribuzzjoni tal-konvenut ghall-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha u dan sabiex jigu evitati wkoll skontri li irrepetew ruhhom spiss fil-passatt peress li anke f'dan ir-rigward kien qed jinqala disgwid bejn il-partijiet dwar jekk l-ispejjez reklamati mill-attrici kienux verament ghal S jew inkella ghal xi hadd mill-ulied l-ohra taghha.

L-attrici qed titlob li l-konvenut ghandu jigi kkundannat li jhallas id-differenza bejn ir-rata ta' manteniment hawn stabbilita' u r-rata ta' manteniment pendente lite. Filwaqt li l-Qorti hija moghtija s-setgha illi tikkundanna lill-konvenut ihallas ir-rata ta' manteniment hawn stabbilit b'effett mid-data li fiha gew istitwiti dawn il-proceduri, il-Qorti hi tal-fehma li tali mizura fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz tohloq sitwazzjoni prekarja lill-konvenut li tista' twassal ghal konsegwenzi gravuzi. Ghaldaqstant, tenut kont tac-cirkostanzi kollha partikolari ta' dan il-kaz il-Qorti qed tordna li sal-31 ta' Dicembru 2015 il-manteniment pagabbli mill-konvenut versu l-minuri ghandu jkun dak kif regolat bid-digriet pendente lite filwaqt li r-rata ta' manteniment hawn deciz ghandu jibda jithallas b'effett mill-1 ta' Jannar 2016.

**Spejjez Gudizzjarji**.

Skond Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ghandha takkolla l-ispejjez gudizzjarji lill-parti sokkombenti. Fil-kaz odjern il-parti sokkombenti huwa l-

[1] Ara FS3 ghas sena 2013 a fol. 150
[2] Ara FS3 ghas-sena 2012 a fol. 119

konvenut li ghalhekk qed jigi kkundannat ihallas l-ispejjez gudizzjarji ta' din il-kawza.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut;

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri S Y H tkun fdata esklusivament f'idejn l-attrici F G H.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici, u tordna lill-konvenut X Y sabiex b'effett mill-1 ta' Jannar 2016 ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri S Y H s-somma ta' mitejn u hamsin ewro (€250) fix-xahar filwaqt li l-manteniment dovut mill-konvenut ghall-minuri qabel l-imsemmija data jibqa' regolat bid-digriet pendente lite.

3. Tordna lil min ihaddem lill-konvenut sabiex il-manteniment hawn deciz jinqata mis-salarju tal-konvenut u mhallas direttament lill-attrici.

Bl-ispejjez kontra il-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**